Minuti tas-sebgħa (7) laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru 2024 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Sa Anthea Sacco | Kunsillier |
| | Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |
| Skuzata: | Sa Marion Parnis | Kunsillier |

07.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Ittri ta' apoloġija u presedenza

Kienet ikkunsidrata l-e-mail ta' apoloġija tas-Sa Marion Parnis u din kienet approvata unanimament. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur David Schembri.

07.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru sitta (6)** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru sitta (6) kienu mgħoddija mal-agenda lill-kunsillieri b'mod elettroniku, meħuda b'moqrija u dawn ġew approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet wara li kienu proposti mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sur Karmenu Farrugia.

07.03 **Tiġdid ta'kuntratt tal-Greenpak dwar il-BIS mid-19/11/24 sa 18/11/26** — Greenpak-Bring-in-Sites

Ma kienx hemm oġġezzjoni biex jiġġedded il-kuntratt li għandu l-Kunsill Lokali tal-Qrendi, ma' Greenpak. Dan jikkonsisti fis-servizz ta' *bring-in-sites* li għandna fil-lokalità akkumpanjati bis-*cctv cameras* biex ma jkunx hemm abbuz ta' tfigħ ta' skart mal-art. Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi twaħħlu aktar *cctv cameras* fil-lokalità, fi Triq is-Siġġiewi mir-Reġjun Punent bħala skema li kienu ħarġu għal Kunsilli Lokali minn *AIS Technologies.*

07.04 **Ġieħ il-Qrendi 2025** — Ġieħ il-Qrendi 2025

L-applikazzjonijiet ħarġu fil-*media soċjali*. Dan l-avviz se jkun *ippinjat* fuq il-*facebook page* tal-Kunsill biex ikun aktar promoss. L-attività se ssir nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2025. Is-suġġett se jkun ukoll diskuss fl-agenda ta' Jannar 2025.

07.05 **Attivita' tal-Milied, Party tat-Tfal** — Attivitajiet tal-Milied

Dwar l-attivitajiet tal-Milied, hemm dik ippjanata tal-Villaġġ tal-Milied nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru fi Triq Rokku Buhagiar. Dwar din l-attività is-Sa Anthea Sacco tkellmet fit-tul dwar it-tħejjijiet għaliha. Kien propost illi tingħalaq Triq Rokku Buhagiar kantuniera ma' Triq Ġuze Cassar u mhux minn ma Triq il-Kbira biex ma jkunx hemm konfuzjoni tal-karozzi. Iridu jitwaħħlu l-karti tan-*no parking* mil-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li kien

innotat illi l-*poster* tqassam fid-djar. Is-Sa Anthea Sacco qalet illi l-kazini tal-banda se jkunu qed joffru zewġ voluntiera kull wieħed biex jgħinu f'din l-attività. Se ssir konferenza stampa li għaliha se jattendi l-Onor Owen Bonnici, Ministru tal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Se nistaqsu lill-ħaddiema sabiex jgħinu fl-armar ta' din l-attività. Se jkun hemm iċ-ċans illi nagħtu donazzjoni għall-istrina mil-mizata li se jħallsu t-tfal biex jieħdu ritratt mal-*Christmas Father u tal-Bouncy Castle.*

Dwar il-*Party* tal-Milied, is-Sa Nina Skye Briffa qalet illi fejn kien qed jiġi propost, jiġifieri fi *Club Gym* kellu disponibbli d-dati tas-Sibt, 14 ta' Diċembru jew inkella f'Jannar 2025. Il-kunsillieri qalu li lejlet il-Villaġġ tal-Milied ma jagħmilx sens u f'Jannar lanqas. Dwar l-ispejjez, is-Sur Karmenu Farrugia qal li hu ma jaqbilx kemm-il darba l-ispiza tintefa' kollha fuq il-ġenituri u din għandha tiġi ssussidjata mil-KLQ. Is-Sa Anthea Sacco qalet li rridu naħdmu minn issa biex norganizzaw l-ewwel attività tat-tfal biex possibilment dawn jittieħdu jew l-*Eco Hive* jew l-*Esplora* fejn prattikament kull ma tiġina hu it-trasport peress li dawn is-siti huma mingħajr ħlas. Dan kien diskuss fid-dawl illi l-proposta ta' dawra bit-trenn tista' ttella' l-ispiza sostanzjalment. Kien hemm qbil illi fl-agenda tal-laqgħa li jmiss ikun hemm il-programm tal-ewwel tliet xhur tas-sena attivitajiet biex ikun hemm ċans nippjanaw aħjar.

07.06 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 11/11/24 - 9/12/24 u Petty Cash AB 11** — Ċedola tal-pagamenti

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti unanimament wara li kienet proposti u ssekondata miz-zewġ kunsillieri li ffirmaw fuqha.

07.07 **Un/Loading parking fi Triq Rokku Buhagiar** — Un/Loading bay

Ma kienx hemm qbil illi ssir din *Un/Loading Bay* fi Triq Rokku Buhagiar peress li dan is-sit ilu ħanut tal-laħam għal diversi snin u ma kien hemm l-ebda' diffikultà. Faċċata hemm ħanut tal-merċa li wkoll ikollu kaxxi tqal xi jġorr, it-triq hija wiesgħa bizzejjed.

07.08 **Appraisals tal-ħaddiema klerikali** — Appraisals tal-ħaddiema

Kien hemm qbil illi d-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l-Assistent Prinċipal jingħataw il-*full performance bonus* filwaqt li l-Iskrivan jingħata nofsu. Din id-deċizjoni ttieħdet wara li kienu evalwati l-*appraisals* tal-ħaddiema. Waqt id-diskussjoni id-DSE ħareġ mil-kamra.

Dwar il-post ta' Segretarju Ezekuttiv se niktbu lid-Direttur Ġenerali biex nitolbuh ħalli nifthu r-reklutaġġ possibilment minn barra l-*pool* għax din ġiet ezawsta.

Kien deċiz illi l-intervista għall-post ta' skrivan issir nhar it-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024 fl-4:15pm fl-uffiċċju tagħna mil-*bord* skont kif kien deċiz fis-seduta preċedenti.

07.09 **L-ewwel draft tal-Budget 2025** — Budget 2025

Kien prezentat l-ewwel *draft* tal-budget għas-sena 2025. Dan ma kienx approvat għaliex għadha mhux magħrufa kemm se tkun l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għall-istess sena mid-Divizjoni Gvern Lokali. Dan il-budget se jkun revedut u jitpoġġa fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

07.10 **Applikazzjoni tal-Karnival 2025 (DLG)** — Applikazzjoni tal-Karnival

Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq din l-applikazzjoni li kienet sottomessa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Se nitolbu lid-Dipartiment sabiex inbiddlu


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

d-data proposta għal nhar it-28 ta' Frar 2024 biex possibilment ikun hemm attendenza tajba.

07.11 **Punti oħra**

07.11.01 Is-Sur David Schembri talab lid-DSE sabiex jistampa u jitwaħħlu t-tabelli tan-*no parking* fi Triq Guze Cassar nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru biex ikun jista' jipparkja ir-*Road Show Truck* ta' *Wasteserv Malta Ltd* ħalli r-residenti jiddisponu minn skart tossiku/perikoluz. *Road show Truck*

07.11.02 Kien deċiz illi l-ikla tal-Milied tal-istaff se ssir nhar it-8 ta' Jannar 2024 fil-Hunters Tower, Marsaxlokk. Ikla tal-Milied

07.11.03 Is-Sa Nina Skye Briffa tkellmet fuq il-proġett RIGHTS. Hija qalet li bħalissa hemm erbat itfal li huma interessati u qed jattendu. Il-laqgħa li jmiss hija nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024. RIGHTS

07.11.04 Is-Sur David Michael Schembri esprima ruħu dwar il-fondi li ninħtieġu biex issir it-tkomplija tas-sular ta' fuq tal-Binja taċ-Ċentru Ċiviku. Hu qal illi jinħtieġ illi nitolbu sabiex ningħataw fondi addizzjonali ħalli kif inhu għaddej ix-xogħol isir dan is-sular għaliex ikun kwazi impossibbli li titkompla meta l-KLQ ikun qed juza s-sular t'isfel minħabba saħħa u sigurtà. Ċentru Ċiviku

07.11.05 Nittamaw li l-għadajjar kbar li kienu qed jinġemgħu fi Triq il-Ġwiewel ma jibqgħux hemmhekk issa li sar investiment kbir li tħaffru toqob 'l isfel fit-triq biex l-ilma jiskula fid-dagħbien. Ix-xogħol sar minn Infrastruttura Malta. Triq il-Ġwiewel

07.11.06 Is-Sindku, s-Sur David Michael Schembri esebixxa pjanta ta' dizinn propost għall-pavimentar tal-Misraħ quddiem is-Santwarju tal-Ħniena. Dan qal li se jkun qed jitpoġġa b'materjal imsejjaħ *crazy paving*. Il-kunsillieri qablu unanimament ma' din il-proposta fejn ix-xogħol hu ttamat li jsir mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Pjazza quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena

07.11.07 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem fuq il-ħaxix li qed jikber fiz-zona rurali. Hu qal li l-kuntrattur mhux qed jaqdi dmiru biex inaddaf dawn it-toroq u se toħroġ *default notice* minkejja li nafu li dawn mhux qed jaslulu għax mhux jiġborhom mil-posta. Dwar dan se niktbu lid-Direttur Ġenerali biex ikun jista' jitwaqqa l-kuntratt u noħorġu l-offerta pubblika mil-ġdid. Tindif ta' Toroq Rurali

07.11.08 Is-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku tkellmet dwar l-1300 kopja tal-magazin tal-Kunsill. Hija qalet illi dan lest u se jitqassam iminentement mil-Maltapost plc. Magazin

07.11.10 Is-Sa Nina Skye Briffa semmiet intervista li se ssir fuq il-Public Broadcasting Services għall-izgħar kunsilliera ta' Malta. Hija se tkun qed tagħti l-kontribut tagħha dwar dan f'isem il-KLQ. Intervista

07.11.11 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar l-armar tal-Milied fit-toroq mis-Soċjetajiet Muzikali. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi dwar dan hemm ftehim li ilna nimxu miegħu u għaldaqstant il-KLQ se jkun qed joħroġ €2,000 kull kazin għal dan is-servizz. Armar tal-Milied

07.11.12 Is-Sur Karmenu Farrugia irrefera għal kaz partikulari fejn fi Triq is-Salvatur kien hemm resident li kien idaħħal l-ilma tat-triq biex jimla' l-ġiebja tiegħu Storm Water Culvert


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

permezz ta' sieqja. Dan ix-xogħol issa qed isir mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet *tramite* l-Kunsilli Lokali. L-individwu pero' jrid jagħmel it-talba u jipprovdi d-dettalji ħalli jkun jista' jsir il-gutter.

07.11.13 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri talab lis-Sur Karmenu Farrugia biex jattendi s-seminar li se jsir għall-isportivi nhar l-10 u l-11 ta' Jannar 2024 fil-lukanda *Excelsior*, il-Belt Valletta. Seminar dwar l-isports

07.12 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7:10pm u dik li jmiss se ssir nhar l-14 ta' Jannar 2025 fil-5:30pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 14 ta' Jannar 2025 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv                    Sindku


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*